MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

### ONOR. IMHALLEF
### MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1922/2001/1

**MALTACOM p.l.c.**

vs

**CASTILLE OFFICE AUTOMATION LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-31 ta' Diċembru, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-socjeta' attriċi pprovdiet lis-soċjeta' konvenuta diversi servizzi ta' Approvazzjoni ta' tip dwar it-tagħmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 t'April, 2001;

Illi s-soċjeta' konvenuta naqset illi tħallas is-somma ta' Lm5701.13 (ħamest elef, seba' mija u lira liri maltin u

tlettax-il ċentezmu), u dan nonostante li ġiet interpellata tagħmel dan permzz ta' ittra uffiċjali;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Illi s-soċjeta' konvenuta naqset mill-obbliġi legali tagħha li tħallas is-somma ta' Lm5701.13 (ħamest elef, seba' mija u lira liri maltin u tlettax-il ċentezmu), u dan għar-ragunijiet fuq premessi;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' Lm5701.13 (ħamest elef, seba' mija u lira liri maltin u tlettax-il ċentezmu);

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-sbatax (17) ta' Diċembru, 2001, kontra s-soċjeta' konvenuta, li min issa hija ngunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota mressqa fis-6 ta' Frar, 2002, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

1. Illi t-talba attriċi hija preskritta almenu in parte ai termini tal-Artikolu 2148(a) u 2149(c) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi l-attur ma għandu ebda relazzjoni guridika mal-konvenut u kwindi t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

3. Illi bla pregudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti l-attur ma esegwiex il-funzjonijiet li tagħhom jista' jitlob ħlas skond il-liġi;

4. Illi bla pregudizzju għal premess il-liġi tipprovdi għal pagament għal servizz ta' *Type Approval* biss.

Kwindi ma jagħmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jiġi mitlub ħlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tiegħu ikun diga sar 'l hekk imsejjaħ *Type Approval*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija mħarrka dwar it-tieni eċċezzjoni tagħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-30 t'April, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, il-kumpannija attriċi qegħda titlob ħlas għal servizzi ta' approvazzjoni mogħtijin lill-kumpannija mħarrka bejn l-1998 u l-2001;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet, fost l-oħrajn, billi qegħda tgħid li biċċa mis-somma mitluba ma tistax tintalab iżjed għaliex għadda ż-żmien li fih setgħet tintalab, u qegħda tgħid ukoll li hi m'għandha l-ebda rabta ġuridika mal-kumpannija attriċi;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-istess eċċezzjoni, l-abbli difensur tal-kumpannija mħarrka fisser aħjar dwar xiex qegħda titressaq l-imsemmija eċċezzjoni. Hu qal li l-kumpannija rappreżentata minnu kienet qegħda ssejjes l-eċċezzjoni tagħha fuq dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 219 tal-1998 u l-Avviż Legali 220 tal-istess sena. Dawn iż-żewġ leġislazzjonijiet sussidjarji nħarġu bis-setgħat mogħtijin mill-artikolu 33 (illum artikolu 38) tal-Att

tal-1997 dwar it-Telekomunikazzjonijiet[1]. Ta' l-ewwel huma Regolamenti dwar l-Istandardi għal Apparat tat-Telekomunikazzjoni, filwaqt li tat-tieni huma Regolamenti dwar Drittijiet għall-Approvazzjoni ta' Tip dwar agħmir tat-Telekomunikazzjoni. L-azzjoni attriċi tirrigwarda sewwasew pretensjoni ta' ħlas għal approvazzjoni bħal din;

Illi l-kumpannija attriċi ma ressqet l-ebda sottomissjoni għal dawk magħmulin mill-kumpannija mħarrka u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-imsemmija eċċezzjoni fid-dawl tal-imsemmija Avviżi Legali u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrka;

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet joħorġu l-punti ewlenin li sejrin jissemmew, u li għandhom rilevanza għall-eċċezzjoni taħt eżami: (a) kull apparat tat-telekomunikazzjoni jista' jinbiegħ, ipprovdut jew stallat biss jekk ikun konformi mal-i*standards* internazzjonali mfassla mill-ETSI[2]; (b) l-kumpannija attriċi hija rikonoxxuta, għall-finijiet tal-artikolu 26 tal-Att, bħala esperta f'approvazzjoni ta' tip ta' tagħmir ta' *terminal* ta' telekomunikazzjoni maħsuba li jitwaħħlu mal-infrastruttura tagħha[3]; u (ċ) d-drittijiet għall-approvazzjoni tat-tip dwar tagħmir ta' telekomunikazzjoni jitħallsu lir-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni[4];

Illi l-kumpannija mħarrka targumenta li ladarba r-Regolamenti jgħidu li d-drittijiet għall-approvazzjoni ta' tip ta' tagħmir ta' telekomunikazzjoni jispettaw lir-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni, il-kumpannija attriċi m'għandha l-ebda jedd titlobhom hi. Fis-sempliċita' tagħha, is-sottomissjoni tal-kumpannija mħarrka tidher mistħoqqa. Iżda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq din is-sottomissjoni, għaliex dawk ir-Regolamenti iridu tabilfors jitqiesu fil-parametri tal-Att kostituttiv li taħt is-saħħa tiegħu nħarġu. Issa jrid jingħad li minn mindu nħarġu l-imsemmija

[1] Att XXXIII tal-1997, Kap 399 tal-Li[ijiet ta' Malta
[2] Reg. 2 tal-A.L. 219/98
[3] Reg. 4 tal-A.L. 219/98
[4] Reg. 2 tal-A.L. 220/98

Regolamenti, il-liġi dwar it-Telekomunikazzjoni nbidlet b'mod estensiv ħafna kemm fl-2000[5] u kif ukoll fl-2001[6];

Illi, fost il-bidliet kbar li seħħew, tneħħiet il-figura tar-Regolatur, u ddaħħlet minflokha dik tal-Awtorita' tat-Telekomunikazzjoni. Tneħħa wkoll dak li qabel kien dispost fl-artikolu 26 (illum artikolu 31), bħalma tneħħiet ukoll ir-regola li l-ġbir tad-drittijiet kien isir mir-Regolatur f'isem il-Gvern ta' Malta[7];

Illi eżami tad-diversi dispożizzjonijet tal-Att XXXIII tal-1997, kif issa mibdul, wieħed isib li jibqa' dubju kbir kemm il-kumpannija mħarrka tista' tibqa' tistrieħ fuq dak li jipprovdu ż-żewġ Avviżi Legali minnha msemmija sabiex tibqa' ssejjes iżjed l-eċċezzjoni tagħha. Mill-banda l-oħra, jekk wieħed jagħti lemħa lejn l-Iskeda li hemm mehmuża mal-Att (ukoll miżjuda bl-Att XVIII tal-2000), u li hija msejħa "Pjan Nazzjonali għar-Riforma tas-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet"[8], wieħed għandu jsib li l-qagħda tal-kumpannija attriċi baqgħet waħda rilevanti u wkoll ewlenija fl-għoti ta' servizzi f'dan il-qasam, imqar jekk sakemm jitneħħa l-monopolju li għadha tgawdi sa ftit snin oħra;

Illi l-Qorti ssib li d-diffikulta' li tinħoloq f'dan ix-xenarju titnissel mill-fatt li, fil-premessi taċ-Ċitazzjoni, il-kumpannija attriċi tgħid li s-servizzi li tagħhom hija qegħda tfittex il-ħlas jinfirxu mill-1998 sal-2001. Fi kliem ieħor, ikopru ż-żmien kollu matul il-perjodu fejn il-liġi kienet għaddejja mill-bidliet kbar li jissemmew aktar qabel. Matul dan iż-żmien kollu, il-kumpannija attriċi baqgħet tagħti s-servizzi tagħha. Dan jingħad għaliex l-eċċezzjoni taħt eżami hija maħsuba li taqta' l-art minn taħt saqajn il-kumpannija attriċi billi timplika li hi qegħda titlob xi ħaġa li m'għandhiex jedd titlobha. Imma s-servizz ingħata u dan, fil-fehma tal-Qorti, joħloq ir-rabta kuntrattwali meħtieġa biex issejjes ir-relazzjoni ġuridika bejnha u l-kumpannija attriċi;

---

[5] Bl-Att XVIII tal-2000
[6] Bl-Att VI tal-2001
[7] Li kienet preskritta fl-artikolu 37(2)(b) l-qadim qabel sar l-artikolu 43 tal-lum
[8] Ara Taqsima III tal-Iskeda msemmija

Illi li kieku ma kienx hekk, il-kumpannija attriċi kienet qegħda tkun awtorizżżata li twettaq is-servizz ta' approvazzjoni, imma ma tkunx qegħda tingħata l-jedd titħallas għalih jew li titlob dak il-ħlas u dan bi ksur tal-massima *omnis labor optat proemium*;

Illi l-Qorti wisq taħseb li minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali s'issa ma jidher xejn li, fuq il-kriterji normali tad-dritt li fejn persuna tagħti servizz mitlub din tibni rabta ma' dik il-persuna li tkun qabbditha, il-kumpannija mħarrka tista' tgħid tassew li bejnha u l-kumpannija attriċi m'hemm l-ebda rabta ġuridika;
Illi għalhekk, u fl-istadju bikri li għadha tinsab fiha l-kawża, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-kumpannija mħarrka m'hijiex mistħoqqa u lanqas fondata fil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka, u tordna li l-kawża tissokta bit-trattazzjoni u l-ġbir tal-provi.

Fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni jibqgħu biex jiġu determinati mas-sentenza finali.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**27 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta' Settembru, 2002**